# IT-TIELET PARTI

## QORTI TAL-KUMMERĊ

31 ta' Jannar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Antonio Zahra pr. et ne.** *versus* **Salvatore Castagnino pr. et ne.**

## Noleġġ — Kaptan — Bastiment — Avarija — Danni — Klawsola "franco avaria reciproca"

***Bil-klawsola** "franco avaria reciproca" nserita f'kuntratt ta' noleġġ, il-proprjetarju tal-bastiment u n-noleġġjatur jirrinunzjaw reċiprokament għall-kontribuzzjoni fl-avarija komuni; imma dak il-patt ma jistax jirriferixxi ħlief għall-każijiet ta' avarija komuni, u kwindi l-istess klawsola għandha bħala effett dak li tillibera lill-kaptan tal-bastiment u l-karikaturi mill-obligu li jikkontribwixxu reċiprokament fid-danni u l-ispejjez ta' avarija komuni.*

***Imma** jekk il-merkanzija abbord issofri ħsara dipendenti minn fatt li jaqa' taħt il-kontroll tal-kaptan armatur tal-bastiment, dik il-klawsola ma topera x u għalhekk, meta bejn l-armatur tal-bastiment u l-ispedizzjonieri ikun ġie espressament stipulat li l-armatur għandu jikkonsenja l-bastiment bħala tajjeb biex iwassal il-merkanzija qawwija u sħieħa għad-destinazzjoni, jiġifieri jipprometti l-"cargo worthiness" tal-bastiment — apparti milli l-proprjetarju tal-bastiment jassumi r-responsabilità għal kull difett fil-bastiment, jew fil-makkinarju, jew fil-funzjonament jew armament tal-bastiment kif ukoll għal dawk id-difetti li ma jkunux ġew skoperti ħlief wara eżami akkurat, l-armatur huwa responsabbli għad-danni li ssofri l-merkanzija minħabba dawn il-fatti; u dan avvolja n-noleġġ ikun sar bil-klawsola "franco avaria reciproca".*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta li l-konvenut ġieb Malta akkont tal-istess attur partita melħ fl-ammont ta' 200 tunellata, li parti minnu nstab putrefatt minħabba skol ta' nafta fl-istivi; u li minħabba f'hekk l-attur ma setgħax iħalli l-merkanzija fl-istivi, kif isir normalment, u għalhekk kellha titniżżel l-art malajr u baqgħet għal żmien fuq il-bankina, billi l-kumpraturi rrifjutaw li jirtiraw il-merkanzija; u li mħabba f'dan l-attur inkorra fi spejjeż konsistenti f'xiri ta' xkejjer, koperta ta' inċirati, ħlas ta' gwardjan, trasport, u spejjeż oħra li jirriżultaw; talab, previja d-dikjarazzjoni li dawn id-danni ġew sofferti bi ħtija tal-konvenut u fuq responsabilità tiegħu, illi l-istess konvenut proprio et nomine jiġi kundannat iħallas lilu proprio et nomine, in linea ta' danni konsistenti kif ingħad, dik is-somma li tiġi likwidata, okkorrendo per mezz ta' periti. Bl-ispejjeż, u bl-imgħax kummerċjali;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Kaptan Salvatore Castagnino, li ssottometta illi huwa ma għandux x'jaqsam xejn mad-danni allegati, billi l-merkanzija kienet mgħobbija "franco avarea reciproca", u li huwa jirriżerva d-dritt li jipproċedi b'ġudizzju separat għad-danni lilu kaġunati mill-attur bl-għemil ta' dan;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mill-perizja jirriżulta li minn 200 tunellata melħ, karikati fil-port ta' Augusta fuq il-motoveljer "Agata C." biex jitwasslu Malta għall-attur, parti minnhom ġiet misjuba bir-rieħa ta' nafta, u għalhekk ġiet rifjutata mill-kumpraturi destinati mill-attur biex jirċevuha. Jirriżulta wkoll illi, wara l-karikazzjoni tal-melħ, il-bastiment sofra nvestiment minn peskereġġ li għereq, u ħabta ħafifa mal-vapur

"Dorabella" fil-port ta' Malta, waqt li kienet qegħedha ssir l-iskarikazzjoni tal-imsemmija merkanzija;

Tikkunsidra;

Illi l-konvenut eċċepixxa li in vista tal-klawsola "franco d'avaria reciproca" huwa ma għandux x'jaqsam xejn maddanni li l-attur jallega li sofra minħabba r-rieħa fuq indikata, li nstab li kellha parti mill-merkanzija;

Illi, però, kif sewwa ssottometta l-perit, dik l-eċċezzjoni, *evidentement bażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal*-klawsola fuq riferita, ma tistax tiġi milqugħa. U difatti, b'dik il-klawsola l-proprjetarju tal-bastiment u n-noleġġjatur jirrinunzjaw reċiprokament għal kull reċiproku reklam għall-kontribuzzjoni fl-avarija komuni, u dak il-patt ma jistax jirriferixxi ħlief għall-każijiet ta' avarija komuni, l-għaliex l-ebda waħda mill-partijiet qatt tirrispondi għall-avarija partikulari li tbati l-parti l-oħra, u kwindi l-istess klawsola għandha bħala effett dak li tillibera lill-kaptan tal-bastiment u *l-karikaturi mill-obligu li jikkontribwixxu* reċiprokament fid-danni u fl-ispejjeż ta' avarija komuni;

Tikkunsidra;

Illi mill-perizja jirriżulta li l-merkanzija, li ġiet stivata direttament fuq il-qiegħ tal-istiva, ġiet kontaminata b'ilma baħar li, ftit jew wisq, jinġemgħa fil-qiegħ tal-bastiment, imħallat bil-benzina li tiskula fis-sentina; liema ilma imħallat bil-benzina, bir-ruliar tal-bastiment, infiltra u ppenetra bejn it-twavel li jiffurmaw il-paviment tal-istiva, u xarrab il-merkanzija, almenu dik li kienet fil-qiegħ;

Illi, kif sewwa wkoll issottometta l-perit, għal dan il-fatt hu responsabbli l-konvenut, kaptan armatur tal-bastiment, għaliex dipendenti minn fatt li huwa għandu jikkontrolla, jiġifieri li l-bastiment ikun "cargo worthy". U difatti, kif irrileva l-perit, fil-kuntratt ta' noleġġ, iffirmat f'Catania fil-21 ta' Jannar 1954, bejn il-konvenut u l-ispedizzjonier

hemm espressament stipulat illi l-konvenut jikkonċedi l-bastiment "forte e ben stagno d'acqua, atto alla navigazione, etc."; u dan ifisser illi l-bastiment ikun tajjeb għalbiex iwassal il-merkanzija qawwija u sħieħa għad-destinazzjoni, billi, kif issottometta l-perit fuq l-awtorità ta' Cower, "Carriage of Goods by Sea", IX edition, page 88, il-kelma "sea-worthiness" tinkludi l-"cargo-worthiness". "Prima facie", jgħid Cower, "the term 'sea-worthiness' in a bill of lading includes both fitness of the ship to encounter the perils of navigation and her fitness to carry the cargo";

Madankollu, fil-kliem ta' Lord Blackburn fil-kawża "Steel vs. State Line", riportat mill-istess Cower, "When there is a contract to carry goods in a ship, whether that contract is in a shape of a bill of lading or any other form, there is a duty on the part of the person who furnishes or supplies that ship, or that ship's room, unless something be stipulated which would prevent it, that the ship shall be fit for its purposes. That is generally expressed by saying that it shall be seaworthy; and I think, also, that in marine contracts, contracts for sea carriage, that is what is properly called a warranty, not merely that they should do their best to make the ship fit, but that the ship should really be fit";

Inoltre, fuq l-awtorità tal-istess Cower, il-proprjetarju tal-bastiment jassumi r-responsabilità għal kull difett fil-bastiment jew fil-makkinarju, jew funzjonament, jew armament tiegħu, anki għal dawk id-difetti li ma jkunux jistgħu jiġu skoperti ħlief wara eżami akkurat;

Ikkunsidrat;

Illi, kif sewwa ssottometta l-perit, l-attur iċċirkoskriva d-danni għal "spejjeż konsistenti f'xiri ta' xkejjer, koperta ta' inċirati, ħlas ta' gwardjan, trasport, u spejjeż oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża". Għal dawk id-danni biss huwa fformula t-talba, u għalhekk l-istess talba ma

tistax tiġi estiża, mingħajr ma jiġi vjolat il-prinċipju tal-"ultra petita", għal danni konsistenti, skond ma xehed l-attur, f'telf ta' profitti fuq il-kwantità ta' melħ imċappas u mħammeġ bin-nafta;

Illi l-imsemmijin spejjeż pretiżi mill-attur huma dawn, jiġifieri:— £79.4.0 xiri ta' xkejjer; £16.10.0 kiri ta', nċirati extra; £7.13.2 mħallsin lill-gwardjani; u £9.16.6 għat-trasport tiegħu tal-melħ; b'kollox £113.3.8;

Illi, riferibilment għall-imsemmijin partiti, barra dik ta' £79.4.0 għax-xiri tal-ixkejjer, il-perit issottometta illi l-attur bl-imġieba tiegħu kkoopera għan-nefqa tagħha billi ma aċċettax l-offerta tal-konvenut li jassumi huwa l-bejgħ ta' dik il-parti mill-merkanzija li kienet avarjata...... Skond il-kalkoli li ssottometta l-perit, l-ispiża għall-inċirati kienet tonqos......, l-ispiża tal-gwardjani kienet tonqos...... u l-ispiża għat-trasport tiegħu u tal-melħ kienet tonqos......; u għalhekk l-attur għandu biss dritt għas-somma ta' £12.11.3 komplessivament, billi skond il-liġi id-danni ripetibbli ma jistgħux jestendu ruħhom ħlief għal dak li huwa konsegwenza immedjata u diretta tal-inadempiment tal-obligazzjoni u li ma jkunux inevitabbli. Danni li setgħu jiġu evitati mhumiex ripetibbli, u jekk id-danni setgħu jiġu ridotti, min hu responsabbli għalihom għandu jirrispondi biss għas-somma sa kemm setgħu jiġu ridotti;

*Omissis;*

Illi għaldaqstant għandu jiġi akkolt it-temperament li l-perit issottometta li għandu jsir riferibilment għal dan id-dannu......;

Għall-motivi premessi;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza u tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jħallas lill-attur proprio et nomine, in linea tad-danni ndikati fl-att taċ-ċitazzjoni, is-

somma ta' £39.19.3, bl-interessi kummerċjali mil-lum, u bl-ispejjeż tal-ġudizzju.

---